# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**L-Imqabba Local Council**


**Minuti tad-59 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ġimgħa 18 ta' Awwissu 2023 fl-4:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**59.01 Talba**

59.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

59.01.02 Is-Sindku pproponiet minuta silenzju b'rispett lejn is-Sur Nicholas Briffa, eks-Sindku tal-Imqabba, li ħalla din id-dinja propju ftit tal-jiem qabel din il-laqgħa.

**59.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

59.02.01 Is-S.E. infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**59.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 58.**

59.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 58 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Dingli ippropona u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**59.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

59.04.01 Is-Sindku infurmat li rċeviet proposta sabiex il-kiosk ta' Ġnien Tfal ir-Raħal tibda tinfetaħ. Fl-opinjoni tas-Sindku, il-Kunsill irid jieħu inkonsiderazzjoni li bil-ftuħ tal-kjosk jaf se jkun hemm storbju, rwejjaħ ta' żjut, u problemi ta' parkeġġ. Hija pproponiet sabiex l-ewwel għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti billi tiġi ċċirkulata korrispondenza lir-residenti tal-madwar u cioè Triq Mikelina Galea, Triq Mikiel Zammit, parti minn Triq in-Nazzarenu u parti minn Triq Ħal Kirkop. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

59.04.02 Is-Sindku infurmat li Ambjent Malta bdew ix-xogħol fuq is-*soft area* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Kompliet billi tkellmet dwar il-laqgħa li kellha mal-Ministru Miriam Dalli fejn fost oħrajn, ġiet imwiegħda li l-Kunsill Lokali ser jingħata l-għajnuna mill-Ministeru fir-rigward tat-taħwil tas-siġar neqsin fi Triq il-

Konvoj, kif ukoll ser isir *revamp* fir-*roundabout* ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Il-membri preżenti tal-Kunsill ħadu nota ta' dan.

59.04.03 Is-Sindku rreferiet għal laqgħa li kellha mal-Ministru Stefan Zrinzo dwar il-Pjazza tal-Knisja fejn għaliha kienu preżenti wkoll il-Kunsillieri Dingli u Decelis. Hija infurmat li l-Pjazza ser ikollha terġà tinqala' u ser jintuża materjal aħjar għall-*grouting* li jidher li huwa l-kawża tal-ħsara li qed issir fil-pavimentar. Is-Sindku semmiet ukoll li l-problema tal-wirdien li ħiereġ mill-ispralli tal-Pjazza, ġejja minn *shutters* li tħallew armati taħt l-imsemmija *water catchments*. Min-naħa tal-Kunsill ġew mitluba l-istimi biex isir l-iffumigar ta' dawn l-ispralli filwaqt li kien hemm qbil sabiex tittella' *post* fuq il-*FB Page* tal-Kunsill li l-imsemmi ffumigar se jsir nhar it-23 ta' Awwissu 2023 u iktar tard isir il-ħasil tal-Pjazza tal-Knisja.

59.04.04 Rigward ix-xogħol fuq il-bankini fi Triq Karmenu Ciantar, is-Sindku qalet li wara l-laqgħa li saret fuq il-post, ma' Infrastruttura Malta u l-Każini tal-Banda, ma jidhirx li hemm problemi sabiex jiċċaqalqu l-arbli u d-dawl. Ix-xogħol huwa skedat li jibda f'Settembru. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

59.04.05 Is-Sindku tkellmet dwar laqgħa li kellha mas-Surġent Jessica Grixti li hija t-*Team Leader* tal-*Community Policing* tal-Imqabba, Ħal Safi u Ħal Kirkop. Hija spjegat li l-Pulizija tal-Kommunità ser ikunu qed jgħinuna billi jaħdmu speċjalment fuq problemi li jkunu indirizzati lilhom kemm min-naħa tal-Kunsill kif ukoll mir-residenti. Hija talbet ukoll sabiex tiġi xxerjata il-*FB Page* tal-imsemmija *Community Policing*, li hi *CPM Jessica Grixti*. Is-Sindku infurmat li mas-Surġent Grixti, tkellmet anke dwar il-problemi li għandna fir-raħal fosthom dwar seringi użati mitluqa fil-ġonna pubbliċi, u biex isir iktar infurzar rigward il-parkeġġ.

59.04.06 Is-Sindku infurmat li saritilha talba minn resident sabiex issir *drop-kerb* quddiem il-garage tiegħu. Hawnhekk is-Sindku semmiet il-kwistjonijiet li qed jinqalgħu mal-kuntrattur tal-Kunsill li jaħdem fuq *resurfacing*, *patching* u bankini, fejn fosthom qed jibgħat kontijiet li m'humhiex skont ir-rati tal-kuntratt. Il-Kunsillieri ħadu nota dwar din tal-aħħar filwaqt li ma kienx hemm oġġezzjoni li jsir ix-xogħol imsemmi fuq il-bankina.

59.04.07 Rigward l-applikazzjoni għall-fondi mir-Reġjun Punent f'isem il-Kunsilli Reġjonali, għall-*Clean Up The World Campaign*, is-Sindku infurmat li ġejna intitolati għal EUR1,500 u x-xogħol ta' tindif fir-raħal huwa skedat għal Settembru. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

59.04.08 Is-Sindku kompliet billi semmiet li l-istima tal-Attività Kulturali "Stilel taħt il-Kampnar" ġiet tammonta għal EUR25,000, fejn EUR18,000 irċevejnihom mill-iskema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, filwaqt li d-differenza ta' EUR8,000 se nirċevuha mill-Kunsill Malti għall-Arti. Hawnhekk irringrazzjat lill-Ministru għall-Kultura u Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici. Hija infurmat ukoll, li fost oħrajn, diġà għandna l-konferma tal-grupp Kantera kif ukoll ta' Joemike u Lydon. Il-Kunsillieri preżenti, ħadu nota ta' dan kollu.

59.04.09 Rigward il-Festa ta' Santa Marija, is-Sindku qalet li b'mod ġenerali mar kollox tajjeb, minkejja li dejjem ikun hemm lok għal titjib, billi speċjalment isir dak kollu li jkun deċiż li jsir fil-laqgħat ta' qabel il-festi. Hija semmiet li t-traffiku dejjem ikun *issue* minħabba l-ammont ta' nies li jżuruna fil-festi tar-raħal u żiedet li l-Kunsill Lokali ma jistax imur kontra l-ordni pubblika u l-immaniġġjar tat-traffiku mill-Pulizija u mill-Uffiċjali tal-LESA. Fuq dan il-punt, saħqet li ċerta kummenti dispreġjattivi fuq is-*social media*, huma ngusti u jistgħu jiġu evitati filwaqt illi fakkret li s-Soċjetà li tkun qed torganizza l-festa hija responsabbli għall-għeluq tat-toroq. Semmiet ukoll in-nuqqas li kien hemm peress li l-ittra li suppost is-Soċjetà Santa Marija bagħtet lir-residenti fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija hekk kif maqbul, ma ntbagħtitx.

59.04.10 Is-Sindku infurmat li rċeviet proposta fil-pubbliku mill-MP Toni Bezzina biex Triq tas-Sejba tiġi msemmija għall-mibki eks-Sindku Nicky Briffa. Wara diskussjoni fuq din, kien hemm qbil li Triq tas-Sejba għandha tibqa' kif inhi, għaliex il-bdil f'isem ta' triq joħloq ċerta problemi, fosthom li r-residenti jkollhom jibdlu l-indirizzi tagħhom.

59.04.11 Is-Sindku semmiet il-laqgħa li kellha mal-Perit tal-Kunsill , fejn fosthom ġie diskuss il-parkeġġ fejn hemm il-'maqrut' fi Triq M'Ang Sapiano. Hija ppreżentat il-propost diżinn mill-Perit fejn ġie eliminat il-maqrut biex ikun jista' jitqassam il-parkeġġ, u hekk ġew akkomodati 4 *parking bays* u 1 għall-muturi. Fil-preżent hemm spazju għal 6 parkeġġi, però jidher li qed ikun hemm problema għaliex jispiċċaw jissakkru l-vetturi bil-mod li jsir l-istess parkeġġ. Wara diskussjoni f'dan ir-rigward, kien hemm qbil li jerġa' jiġi revedut id-diżinn mill-Perit skond kif issuġġerixxa il-Kunsillier Dingli.

Is-Sindku infurmat ukoll li skond il-Perit, m'hemmx problemi biex jingħalaq l-aċċess ta' Triq Baskal Xuereb min-naħa ta' Triq il-Konvoj, infatti d-diżinn li juri dan huwa lest ukoll u ser niktbu lill-Infrastruttura Malta f'dan ir-rigward.

Rigward Sqaq l-Isptar, fejn hemm il-problema ta' aċċess ta' numru ta' *garages*, il-Perit spjega li biex tiġi riżolta l-problema trid tinqala' parti sew mill-madum eżistenti u jrid isir *water catchment*. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil li għandu jsir ix-xogħol kif propost mill-Perit.

59.04.12 Is-Sindku semmiet ukoll li ser torganizza ħarġa għal Għawdex nhar il-Hamis 14 ta' Settembru, 2023.

59.04.13 Rigward il-vakanza ta' *Assistant Principal* mal-Kunsill Lokali, is-Sindku rriaffermat min huma l-membri tal-bord, kif ġew maħtura bejn il-laqgħat tal-kunsill.

**59.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


59.05.01 Il-Kunsillier Dingli staqsa x'sar mill-applikazzjoni għall-*Communal Reserved Parking for Blue Badge Holders* fi Triq is-Saljatura. Is-S.E. infurmatu li ser tiċċekkja f'hix waslet u ser tkellmu lura.

59.05.02 Il-Kunsillier Sciberras reġa' staqsa dwar it-talba għal dawl ġdid tat-triq f'Wesgħa l-Ispiżerija l-Antika. Is-SE infurmat li min-naħa tagħha hija bagħtet it-tfakkiera bil-miktub lill-kuntrattur u li ser terġa' tkellmu f'dan ir-rigward.

**59.06 Jum L-Imqabba 2023**

59.06.01 Is-Sindku ipproponiet li Jum l-Imqabba jkun iddedikat biex isellem il-memorja tal-mibki eks-Sindku tal-Imqabba, is-Sur Nicholas Briffa. Fuq din kien hemm qbil li nitolbu permess lill-familjari tiegħu f'dan ir-rigward.

59.06.02 Is-Sindku infurmat li qed tistenna konferma mingħand is-*CPD* dwar jekk waqt l-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba, nistgħux ninkludu rokna għall-*Community Police*.

59.06.03 Il-Kunsillier Decelis ta *update* dwar x'hemm ikkonfermat minn fost l-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba tas-Sibt 21 ta' Ottubru 2023 filgħodu, fosthom l-istudenti universitarji li ser ikunu qed jgħinu waqt l-attivitajiet, kif ukoll dwar il-muturi, il-pulizija, il-pulizija bil-muturi, bil-klieb u biż-żwiemel. Kompla billi semma li fadal jiġi kkonfermat ukoll il-*wheelchair basketball*. Il-Kunsillier Decelis informa li l-laqgħa mal-*NGOs* biex jara f'liema attivitajiet jistgħu ikunu involuti, hija skedata għall-21 ta' Awwissu 2023 fil-5.30pm, fejn eventwalment wara ser ikun hemm stampa aħjar ta' x'ser isir eżatt.

***Il-laqgħa ġiet sospiża bejn is-6:00 pm u 7:00pm sakemm saret laqgħa mas-Socjetà Santa Marija.***

***Il-Kunsillier Decelis ħalla l-laqgħa fis-7:00pm minħabba raġuni personali.***

59.06.04 Is-Sindku infurmat li din is-sena jmiss li l-Kunċert isir mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju u bħala preżentaturi ikkonfermaw hemm ikkonfermati Dr Charles J Farrugia u Mariah Casha.

Hija infurmat ukoll li din is-sena ser issir *Pop Art Exhibition* bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun Punent fejn ser ikun esebit ix-xogħol tal-armar tal-festi mil-Każini tal-Banda. Hija ssuġġeriet li din l-esebizzjoni tinfetaħ propju mas-serata Ġieħ l-Imqabba.

Is-Sindku semmiet ukoll sabiex tiġi ppreparat lista ta' nies li ddistingwew biex jiġu rikonoxxuti.

59.06.05 Il-Kunsillier Sciberras ikkonferma wkoll dwar il-wirja ta' Karozzi Mustang għall-Ħadd 22 ta' Ottubru 2023 filgħodu.

59.06.06 Is-Sindku issuġġeriet lil Pamela Ann Schembri biex tkun iċ-*Chairperson* tal-Bord tal-Għażla li ser ikun qed jagħżel il-persuna li ser tingħata Ġieħ l-Imqabba 2023.

Il-kumplament tal-membri tal-bord ser ikunu qed jiġu nominati mis-Soċjetajiet tal-Banda, mill-Każin tal-Futbol kif ukoll mill-Kappillan. Fuq dan kollu kien hemm qbil unanimu.

***Is-Sindku talbet sospensjoni tal-Aġenda ta' din il-laqgħa fejn hija pproponiet biex items 8 u 9 fuq l-Aġenda isiru qabel item 7. Il-Kunsillier Sciberras issekonda.***

**59.08 Ħatra ta'** ***Assistant Principal***

59.08.01 Is-Sindku infurmat li l-bord tal-ħatra rrakomanda lill-applikanta li ġiet intervistata biex tinħatar bħala *Assistant Principal*. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti, ittieħed vot u ġie deċiż b'4 voti favur li l-Kunsill għandu jingaġġa lill-imsemmija applikanta, Ms Joanne Pace, bħala *Assistant Principal* mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

**59.09 Mozzjoni 01-2023 - Tismija ta' triq/ġnien għall-eks Sindku Briffa**

59.09.01 Is-SE qrat il-Mozzjoni, li ppropona l-Kunsillier Sciberras u li ġiet issekondata mis-Sindku, dwar it-tismija ta' triq/ġnien għall-mibki l-eks Sindku Nicholas Briffa. Il-Kunsillier Sciberras spjega li huwa avviċina lill-Familjari Briffa dwar il-proposti tiegħu u huma ma sabu l-ebda oġġezzjoni. Rigward l-ewwel żewġ proposti mill-Mozzjoni, il-Kunsillier Sciberras qal li tismija ta' toroq ġodda ma jidhirx li ser ikun possibbli fil-viċin, filwaqt li dwar tibdil ta' isem tat-triq hemm lok għal diskussjoni. Huwa kompla billi qal li huwa personalment iktar imur għall-aħħar proposta ladarba Ġnien Onġi Onġella kien sar fiż-żmien li s-Sur Briffa kien Sindku. Is-Sindku qalet li fl-opinjoni tagħha ikun hemm inkonvenjnet għar-residenti meta jinbidel isem ta' triq, filwaqt li hi ma taqbilx li l-isem 'Onġi Onġella' jiġi skartat meta kien l-istess Briffa li ppropona dan l-isem. Dwar dan kien hemm qbil li l-ġnien jinbidel l-isem tiegħu għal 'Ġnien Nicky Briffa' u ssir xi motif bl-isem Onġi Onġella.

***Il-Kunsillier Zaffarese ħalla l-laqgħa fis-7:30pm minħabba mpenji personali.***

59.09.02 Wara diskussjoni mill-membri preżenti, kien hemm qbil unanimu fuq l-aħħar parti tal-Mozzjoni. Kien hemm qbil ukoll li sabiex isiru l-emendi neċessarji, mill-Perit tal-Kunsill, fil-pjanta fejn ser isir il-bust. Għandu jiġi stabbilit ukoll kemm jekk l-artist mill-Familja Briffa hux ser jaħdem mingħajr ħlas jew b'xogħol, kif ukoll jekk hux ser isir bust jew inkella figura sħiħa.

***Peress li kienu għaddew 3 siegħat mil-bidu tal-laqgħa, id-DSE staqsa jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa titkompla u dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

**59.07 Proġetti**

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


59.07.01 Is-Sindku infurmat li nhar it-13 ta' Settembru 2023 hemm skedata l-laqgħa tal-Bord tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali biex jiġi rrestawrat l-Isptar il-Qadim, filwaqt li tittama li din tiġi approvata.

59.07.02 Rigward il-proġett tal-Mentna, is-Sindku infurmat li ninsabu fil-proċess fejn qed issir pressjoni mal-kuntrattur li qed jaħdem kif ukoll mas-*suppliers* sabiex possibbilment ix-xogħol jitlesta sa' nofs Ottubru u jiġi nstallat il-*playing equipment* u l-bankijiet.

**59.10 PA/01174/09 - Site At, Triq Valletta, Tax-Xatba l-Ħamra, Mqabba**

59.10.01 Is-Sindku qrat ix-xogħol propost fl-applikazzjoni dwar l-iżvilupp t'Tax-Xatba l-Ħamra. Wara diskussjoni mill-membri preżenti f'dan ir-rigward, minkejja li l-iżvilupp mhux ser ikun wieħed viżibbli, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu joġġezzjona peress li is-sit huwa f'*ODZ* kif ukoll peress li jista' jaffettwa n-nar tal-festi.

**59.11 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

59.11.01 Korrispondenza mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża rigward l-installazzjoni taċ-*charging pillars* fl-Imqabba. Il-membri preżenti daru s-siti fejn se jiġu nstallati ċ-*charging pillars* u kien hemm qbil li jkun hemm lok għal *bay* waħda f'kull sit magħżul. Is-siti li ntgħażlu huma fi Triq il-Ħajt tal-Matla, Triq il-Barrieri, Triq Ħal Kirkop, Misraħ Missjoni ż-Żgħira, Triq l-Imterrqa, u Triq Valletta.

59.11.02 Korrispondenza mir-Reġjun Punent dwar it-talba għal stima għas-servizz ta' *Data Protection Officer* għall-istess Reġjun u l-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħtu. B'hekk il-Kunsill Lokali ikun jista' jingħata s-servizz tad-DPO imħallas mir-Reġjun. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

59.11.03 Ċirkulari mill-AKL dwar il-kuntratt li kellha dwar l-għalf tal-ħamiem li ġie fi tmiemu u li ma jistax jerġa' jinħareġ. Il-membri preżenti qablu li mhux ser jieħdu iktar dan is-servizz.

59.11.04 Korrispondenza mill-*Animal Welfare Directorate* dwar l-*LC Care Project Grant Scheme 2020* fejn ġejna infurmati li tnaqqsulna xi fondi kif ukoll li għandna nirrifondu xi fondi lura minħabba nuqqasijiet li nnutaw fil-perjodu tal-proġett, fosthom li ma ġewx ippreżentati l-kontijiet fil-ħin. Is-Sindku qalet li diġà tkellmet mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għad-Drittijiet tal-Annimali sabiex titlob laqgħa mal-bord biex tipprova tirribatti l-argumenti tagħhom.

**59.12 Ilmenti u Suġġerimenti**

59.12.01 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li minkejja x-xogħol li hemm għaddej fil-Ġnien tal-Mentna, tajjeb li dan il-ġnien xorta waħda jitnaddaf mill-iskart u l-weraq ħażin li waqa' mis-siġra. Wara diskussjoni mill-membri preżenti, ġie deċiż li l-ħaddiema

tal-Kunsill jintbagħtu jarmu l-iskart goff bħall-pajpijiet tal-*conduit* u oħrajn li hemm fil-ġnien kif ukoll jinkines kinsa.

59.12.02 Il-Kunsillier Sciberras informa li l-isprall fil-bidu ta' Sqaq l-Isptar kantuniera ma' Triq Karmenu Ciantar, sfronda. Fuq dan kien hemm qbil li l-ħaddiema tal-Kunsill imorru jiċċekkjaw jekk jistgħux jirranġawh temporanjament. Is-Sindku qalet li ser tiċċekkja mal-Ministru jekk tistax issir manutenzjoni tal-isprall min-naħa tal-Ministeru.

58.10.03 Il-Kunsillier Sciberras informa li hemm sprall ieħor fi Triq Santa Katerina kantuniera ma' Pjazza tal-Knisja li qed iħabbat. Fuq dan kien hemm qbil ukoll sabiex navżaw lill-Ministeru.

**59.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/59**

59.13.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/59 ġiet approvata unanimament.

59.13.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Lulju 2023 ġiet approvata unanimament.

**59.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

58.12.01 Il-laqgħa ntemmet fid-8:45 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 19 ta' Settembru 2023 fil-5:30 pm.

Konfermati illum it-Tlieta 19 ta' Settembru 2023.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa** | **Valerie Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |